MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 923/2006/1

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurati taghha Elizabeth Desira, Francis Zammit, Cettina Calleja, Vincent Paul Monsigneur, Maria Theresa Degabriele, Joan Gouder, Maria Anna Scicluna, Christopher Hiddleston, Vincent Tanti, Marie Pisani, Alexandra Borg, Kenneth Formosa Ventura, Maria Dolores Micallef, Carmela Delicata, Mario Spiteri, Josephine Griscti, Kevin Fenech, Charmaine Azzopardi, Peter John Dimech, Michael Micallef, Curt Schembri, Sandra Grech, Mariella Mercieca Camilleri, u Edward Cole skond il-ligi u l-polza (Claim No. T06627) u Atlas Insurance Limited (C-5601) *de proprio* u kif ukoll kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Camilleri, Fiona Borg, Michelle Ekundayo, Frank Vella u Mary Grace Farrugia skond il-ligi u l-polza.**

**vs**

**Bargain Holidays Limited (C-8565) *proprio* u esercenti l-Kummerc taht l-isem Bargain Holidays u/jew British**

**Jet kif ukoll bhala agent tas-socjeta' estera Malta Bargains Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Mejju, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta Ottubru 2006, fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' Lm1,410.09c illum ekwivalenti ghal Euro3,284.62c rapprezentanti valur ta flejjes zbursati bhala kumpens ghal bagalji neqsin jew danneggjati waqt trasport bl-arju kif jirrizulta minn prospett anness markat Dok A u dana a tenur tar-regolament 2001/539 EC u l-konvenzjoni ta Montreal. Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra s-socjeta konvenuta ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.
>
> Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 6 ta Novembru 2006 fejn fl-ewwel lok affermat li ma kienitx il-legittimu kontradittur stante li hi ma hiex l-agent tal-Malta Bargains u/jew tal-British Jet.com u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u minghajr pregudizzju ghal premess, is-socjeta konvenuta ma hiex responsabbli ghal bagalji tal-passiggiera u stante li tali kumpens inghata bla awtorizzazzjoni taghhom. Saret ukoll riserva ghal prezentata ta' eccezzjonijiet ulterjuri.
>
> In segwitu s-socjeta konvenuta giet awtorizzata tressaq risposta ulterjuri fis-sens illi hija ma ghandha ebda responsabblilta legali fil-konfront tal-claim imressqa mis-socjetajiet attrici liema risposta tinsab fil-fatt formalizzata u datata 25 ta Settembru 2007;

Ezamina x-xhieda mressqa nkluz id-dokumenti esebiti.

Ezamina n-noti ta sottomissjonijiet prezentati mill-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra.

Alan Micallef ghas-socjeta attrici Atlas spjega li huma kienu hargu hames poloz ta' travel insurance favur ta' hames klijenti taghhom. Meta rritornaw minn barra tlieta minnhom ghamlu claim fuq bagalji danneggjati, wiehed minnhom il-ghaliex ma waslitx u iehor li l-pushchair ma wasalx. Dawn il-claims gew ipprocessati u l-klijenti thallsu a bazi ta l-istess polza u dana kif jirrizulta minn Dok AM 1 sa Dok AM5.

In kontro-ezami, kkonferma li dawn il-persuni kienu siefru bl-arju tramite l-british jet.com.

John Galdes ghas-socjeta attrici GasanMamo jafferma li huma kienu hallsu lill-klijenti taghhom a bazi ta' travel Insurances fuq claims li waslulhom dwar hsara f'bagalji jew addirittura bagalji li ma waslux waqt safra, u liema kumpens li nghata jirrizulta minn dokumenti esebiti minn Dok JGX1 sa Dok JGX13 u Dok JGXX 1 sa Dok JGXX12.

B'riferenza ghar-risposta ulterjuri, John Galdes spjega li l-biljetti tal-arju cioe whud minnhom inhargu mis-socjeta konvenuta filwaqt li ohrajn taru tramite l-British Jet. Jispjega wkoll illi l-British jet.com hija t-trade name utilizzata mis-socjeta konvenuta stess. Inoltre jigi nnotat wkoll dan ix-xhud li r-reklami maghmula minn British Jet (Dok BJ2 u Dok BJ3) igibu n-numru tat-telephone tas-socjeta konvenuta (BJ4) u b'hekk wiehed ghandu jiddeduci li l-British Jet tinsab rapprezentata hawn Malta mis-socjeta konvenuta.

Gew esebiti sensiela ta' dokumenti a fol 74 et seq tal-process, li jiddokumentaw l-iter kollu li wasal ghal dan il-kaz ghal kull klijent involut mill-hrug tal-biljett tal-arju mis-socjeta konvenuta Bargain Holidays Limited skond il-letter head taggha stess – sar-rapport tan-nuqqas jew hsara – sal-mili tal-claim form – sal-hlas bis-surroga.

L-ispiza mahruga ghal bagalji rimpjazzati tinsab debitament koperta b'numru ta ricevuti fiskali esebiti minn Effie Briffa markati lkoll flimkien bhala Dok EB1 a fol 304 tal-process.

Jigi notat ukoll li l-prospett Dok A li suppost kellu jkun anness mal-avviz, li pero ma kienx, fil-fatt gie esebit aktar tard waqt il-kawza bhala Dok XX a fol 290 tal-process.

Is-socjeta konvenuta bdiet il-provi taghha bl-esebizzjoni ta' zewg dokumenti, wiehed li juri li isem is-socjeta estera kien inbidel ghal Malta Bargains Limited sa minn Settembru tas-sena 2000, pero cio' nonostante it-Tribunal jikkummenta li whud mill-klijenti involuti f'dan il-kaz xorta wahda jidhru li kienu nqdew mis-socjeta lokali bl-isem ta' Bargain Holidays Limited kif jirrizulta mill-letter heads esebiti u dokument iehor li juri t-terms and conditions tal-carrier. Jigi notat li f'dawn ir-regoli hemm stipulat li f'kaz ta' checked-in luggage, il-carrier huwa dejjem responsabbli f'kaz ta' loss or damaged baggage. L-istess responsabbilita tal-carrier tinsab rappurtata fil-Montreal convention Artiklu 17 kif jinsab indikat mid-dokument esebit Dok MC1 a fol 312 tal-process.

Albert sive Robbie Borg xehed li huwa jokkupa l-karika ta' direttur sew fi hdan is-socjeta Maltija bl-isem ta Bargain Holidays ltd u kif ukoll dik estera Malta Bargains Ltd. Iz-zewg socjetajiet bazikament jaghmlu xoghol ta travel agents cioe bejgh ta biljetti u organizzazzjoni ta' holidays. Dawn iz-zewg socjetajiet pero ma ghandhomx

airline taghhom ghalkemm ghal xi zmien is-socjeta estera Malta Bargains Limited kienet topera taht it-trade name ta' British Jet. Illum pero dan l-isem qed jintuza minn Hello AG li huma airlines registrati gewwa l-Izvizzera. Dan ix-xhud esebixxa wkoll dokument markat Dok xx u datat 8 ta Mejju 2007 a fol 316 tal-process biex igib il-prova li s-socjeta konvenuta ma hiex kunsidrata bhala air carrier u dokument iehor markat RB 2 a fol 319 tal-process li juri li s-socjeta estera hija awtorizzata li tbiegh u tirreklama l-flights u dokument iehor markat RB1 a fol 320 tal-process li jiccertifika lis-socjeta lokali konvenuta bil-licenzja ta' Travel Agent.

In kontro-ezami jafferma li hija l-Airline Svizzera bl-isem ta' Hello AG li topera taht isem id-ditta BritishJet.com. Biljetti tal-BritishJet inbieghu kemm mis-socjeta lokali u kif ukoll dik estera u llum il-gurnata wiehed jista anke jixtrihom online jew minn agenti ohra. Is-sur Borg baqa' ma pproduciex l-ittra mibghuta minnu li ghaliha kien inghata risposta a fol 316 tal-process  u cioe fejn huwa gie ndirizzat bhala Managing Director ta' British Jet. Com.  Huwa jikkonferma li kien hemm zmien meta s-socjeta konvenuta kienet topera taht id-ditta ta BritishJet.com. Barra minnhekk jistqarr li d-diretturi u l-ishma fi hdan is-socjeta ngliza Britishjet limited jaghjtu lilu nnifsu u lil uliedu.

Illi fil-meritu l-kontestazzjoni principali jekk mhux wahdanija f'dan il-kaz hija jekk is-socjeta konvenuta ghandhiex tigi ritenuta responsabbli legalment ghan-nuqqas jew hsara fil-bagalji tal-passiggiera li qatghu l-biljett ta' l-arju maghha. Is-socjeta konvenuta targumenta li f'tali sitwazzjonijiet huwa biss l-airline u cioe l-carrier li ghandu jigi ritenut responsabbli u mhux l-agent tal-ivvjaggjar li jkun qata' u biegh il-biljett ta' l-ajru.

Minn naha l-ohra, l-atturi qed jargumentaw pero li s-socjeta konvenuta ghandha tigi ritenuta

responsabbli in vista tal-fatt li jaffermaw li resqu provi sufficjenti li jindikaw li l-istess socjeta' konvenuta kienet fil-fatt qieghda topera u tagixxi wkoll ghan-nom tal-airline. Fil-fatt jirrizulta li kemm l-airline u kif ukoll is-socjeta konvenuta ghamlu zmien joperaw taht isem l-istess ditta tal-BritishJet.com liema ditta fil-fatt kienet anke l-isem tal-carrier. Difatti fuq il-confirmation/invoices tal-BritishJet.com li hija ndikata bhala l-airline in kwistjoni, wiehed isib l-indirizz u l-isem tas-socjeta konvenuta. Illi ghalhekk jidher li l-hsara giet kawzata mill-linja tal-ajru bl-isem ta' British Jet u stante li din si tratta ta' isem ta' ditta utilizzat mis-socjeta konvenuta almenu ghal dak iz-zmien in kwistjoni, isegwi li l-istess socjeta konvenuta ghandha twiegeb ghal tali danni reklamati. Mill-mod kif inhargu l-biljetti jidher evidenti li l-carrier kien il-British Jet u mhux isem xi socjeta svizzera ohra kif tipprova tafferma is-socjeta konvenuta. L-isem tas-socjeta Svizzera "Hello" ma tinkwadra imkien fl-operat tal-BritishJet.com almenu mid-dokumenti esebiti. Ghal kuntrarju d-dokumenti esebiti nkluz dawk mill-istess socjeta konvenuta jindikaw lis-socjeta konvenuta bhala li kienet qed topera taht isem il-carrier BritishJet.com. Fil-fatt per ezempju l-ittra datata 8 ta Mejju 2007 mibghuta mid-Dipartiment tal-Avvjazzjoni Civili (a fol 316) tindirizza lil Robby Borg bhala Managing Director tal-British Jet.com u ghalhekk wiehed ghandu jiddeduci li huwa ferm kredibbli, kif dal resto ammess mill-istess Robbie Borg, li s-socjeta konvenuta kienet fil-fatt qieghdha tagixxi u topera bl-isem id-ditta BritishJet.com u kwindi in rapprezentanza tal-linja tal-ajru bl-isem ta British Jet.com.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta, kwindi jilqa t-talba tal-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' €3,284.62c

> bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza a kariku tal-istess socjeta konvenuta."

Is-socjeta` konvenuta *proprio*, u wkoll *qua* agenti tas-socjeta` estera Malta Bargains Ltd, appellat minn din is-sentenza bl-aggravji li gejjin:-

(1) In kwantu agenti ta' l-ivvjaggar hi ma kellhiex tigi citata f'isimha *proprio* ghal danni kagjonati fil-bagalji tal-passiggiera, assikurati mas-socjeta` attrici;

(2) Ma saret ebda prova illi hi terzercita l-kummerc taht l-isem Bargain Holidays u/jew British Jet jew ta' agenti tas-socjeta` estera Malta Bargains Ltd;

(3) It-talba attrici qeghda ssir a tenur tar-regolament 2001/539 EC u tal-konvenzjoni ta' Montreal "*for the Unification of Certain Rules for International Carriage by Air*" u jidher car illi tali talba qed tippresumi illi hi operatur ta' linja ta' l-ajru meta invece hi biss agent ta' l-ivvjaggar. Ukoll l-ebda prova ma saret mis-socjeta` attrici illi hi operatur ta' linja ta' l-ajru;

(4) Kieku stess kienet hekk operatur ta' l-ajru, il-persuni reklamanti d-danni kien messhom qabel kollox ressqu l-*claim* lilha u mhux jagixxu kif ghamlu;

(5) Ma gewx provati l-ispejjez allegatament inkorsi ghat-telf u/jew tiswija tal-bagalji, u lanqas li l-assigurati tas-socjeta` attrici kienu klijenti tas-socjeta` konvenuta;

Qabel ma tghaddi biex taghmel l-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti trid tirregistra illi ma taqbelx ma' l-affermazzjoni tas-socjeta` appellata kontenuta "*di sfuggita*" fir-risposta ta' l-appell taghha, illi certi aggravji sottoposti, senjatament dawk enumerati (4) u (5) fl-esposizzjoni, qed jitqajmu ghall-ewwel darba f'din is-sede. In effetti, l-atti juru illi l-eccezzjonijiet ta' l-appellanti kienu

jikkonsistu, *in primis,* ghad-difiza li ma kienux il-legittimi kontradditturi, li ma kienux responsabbli ghall-bagalji u li l-kumpens inghata minghajr l-awtorizzazzjoni taghhom (fol. 6). B'eccezzjoni ulterjuri (fol. 279), huma ziedu li s-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda responsabilita` legali fil-konfront tal-*claim* imressqa mis-socjeta` attrici. Mill-kumpless ta' dawn l-eccezzjonijiet ma jistax jinghad illi l-appellanti qeghdin jipproponu temi godda ta' indagini in kwantu dawn kienu, espressament jew implicitament, konfluwenti f'dawk id-difizi taghhom u l-aggravji ma jidhrux li hekk jbiddlu l-oggetti sostanzjali taghhom. La dana huwa hekk, ma jezisti ebda divjet biex din il-Qorti tikkonsidrahom;

Skjarita din il-qaghda, jibda biex jinghad illi l-fatti tal-kawza ma jidhrux li huma in kontestazzjoni. L-assigurati tas-socjeta` attrici xtraw biljetti ta' l-ajru minghand is-socjeta` konvenuta Bargain Holidays Ltd (ara l-*invoices* konfermatorji relattivi a fol, 78, 87, 88, 102, 109, 118, 125, 130, 141, 148, 153, 159, 164, 169, 180, 211, fost ohrajn). Kif espress mix-xhud Albert Borg, direttur taghha, xoghol din il-kumpanija, b'licenzja ta' *travel agent* huwa relatat mat-*travel*, fis-sens li tbiegh il-*flights* u li torganizza l-*holidays*. L-istess xhud jikkonferma (fol. 308) ukoll illi hu direttur sija f'din is-socjeta` kif ukoll f'dik estera Malta Bargains Ltd, registrata l-Ingilterra, li l-attivitajiet taghha jikkonsistu wkoll f'bejgh ta' titjiriet u organizazzjoni ta' vakanzi. L-atti juru wkoll illi is-socjeta` Maltija kienet topera wkoll taht isem id-ditta "British Jet.com" (ara dokumenti minn fol. 284 sa fol. 287);

Dan kollu jinsab rilevat mit-Tribunal fil-korp tas-sentenza tieghu u l-motivazzjoni taghha hi proprju arginata fuq il-konsiderazzjoni illi, il-kumpanija konvenuta kienet effettivament qeghda tagixxi sija in rapprezentanza tal-linja ta' l-ajru British Jet u sija *qua* operatur in vista ta' dak l-uzu minnha ta' isem id-ditta British Jet.com. Fir-rigward, it-Tribunal jissenjala b'enfasi l-fatt accertat illi d-ditta British Jet.com ghandha l-istess indirizz u l-istess linja telefonika ghal dik tas-socjeta` konvenuta Bargain

Holidays Ltd (ara ghal din il-komparizzjoni d-dokumenti a fol. 78 u a fol. 284. Ara wkoll l-ittra datata 8 ta' Mejju 2007 (fol. 316) mid-DCA mibghuta lil Albert sive Robby Borg fil-kwalita` tieghu ta' Managing Director ta' British Jet.com). Ilkoll flimkien, dawn ir-riljievi ta' fatt jissuggerixxu l-ezistenza ta' korrelazzjoni qawwija u stretta bejn Bargain Holidays Ltd u British Jet.com li taghmel lil dik ta' l-ewwel aktar minn semplici agent ta' l-ivvjaggar. Il-Qorti ssib li r-ragonamant tat-Tribunal hu sew fondat fuq il-provi attendibbli u taderixxi ghal kollox mieghu;

F'tema legali, l-Artikolu 1133 tal-Kodici Civili jistabilixxi l-kriterji necessarji biex wiehed jaffronta l-gudizzju tar-responsabilita` fid-debitur ta' l-obbligazzjoni. Il-kliem ta' dan l-istess artikolu jidentifika sew il-fatt produttiv tar-responsabilita` dovuta ghall-ezekuzzjoni hazina jew inezatta tal-prestazzjoni. Meta jsehh dan l-inadempiment jobbliga lid-debitur ghar-rizarciment tad-danni. Biex jezonera ruhu minn tali responsabilita` u rizarciment id-debitur jehtieglu jipprova li l-inadempiment (jew id-dewmien) gie determinat minn impossibilita` derivanti minn kawza mhux imputabbli lilu. Ara f'dan l-istess sens id-decizjoni tal-Prim' Awla, Qorti Civili fl-ismijiet "**Joseph Albanese *et* -vs- Michelina Sare *et***", 4 ta' Marzu, 1955;

Kif taraha din il-Qorti fil-kaz *de quo* l-appellanti ma rnexxielhomx jaghmlu prova bhal din. Huma la pprovaw li kienet tezisti impossibilita` tal-prestazzjoni ezatta u wisq anqas li dik l-istess impossibilita` ma kienetx imputabbli lilhom. Dan qed jigi sottolinejat ghax ukoll f'din il-fazi, huma kien jenhtiegilhom juru posittivament li l-*causa* kienet taqa' il-barra mill-isfera tal-kontroll taghhom, u tali prova huma baqghu ma ghamluhiex, jew, ghallanqas, ma kkonvincewx li l-htija ghandha tkun eskluzivament imputabbli lil fatt tat-terz operatur tal-linja ta' l-ajru. Dan anke ghaliex minn kif zvolgew il-fatti ma jista' lanqas jinghad li huma ma kienux responsabbli mill-att tat-terz, maghzul minnhom, kif hekk evidenzjat mill-biljetti ta' l-ajru minnhom emessi. Ara a proprozitu f'dan l-istess kuntest hawn konsiderat is-sentenza recensjuri ta' din il-Qorti fl-

ismijiet "**Alfred Zarb *et* -vs- Mondial Travel Agency**" 30 ta' Jannar, 2009. Raggunta din il-konkluzjoni l-Qorti ma ssibx raguni, la ta' fatt u lanqas ta' dritt biex takkolji xi wiehed mill-ewwel tliet aggravji;

Rispettosament, imbaghad, il-Qorti lanqas ma tifhem x'inhu ezattament dak li jridu jghidu l-appellanti bir-raba' aggravju taghhom. Huwa logiku illi gjaldarba l-passiggiera assikuraw il-bagalji, il-*claim* taghhom kienet fl-ewwel lok ser tigi indirizzata minnhom lill-assikurazzjoni. Dan in forza tal-kuntratt assikurattiv krejat bejnhom u l-istess assikurazzjoni mahsub biex jindennizzahom ghall-pregudizzju soffert bit-telf jew hsara fil-bagalji. Effettwat l-indennizz, is-socjeta` assiguratrici tissucciedi fil-veste ta' kreditur bis-sahha tas-surroga u takkwista b'titolu derivattiv id-drittijiet ta' l-assigurati fil-konfront tat-terz responsabbli, dejjem pero` fil-limitu ta' l-import imhallas. Ara "**Untours Insurance Agents Ltd *nomine* -vs- Salvatore Zarb**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 20 ta' April, 2005. Dan jissucciedi dejjem fil-prattika in kwantu l-funzjoni tas-surroga, fi kliem il-**Bianca** ("**Diritto Civile**" – **L'obbligazione**, Ed 1993, p 347), *"è quello di assicurare al terzo adempiente o mutuante il recupero di quanto prestato, consentendogli di avvalersi delle stesse azioni, garanzie o privilegi del creditore sodisfatto".* Fil-fattispeci tal-kaz prezenti ma hemm xejn barra mill-ordinarju u guridikament akkonsentit. Anke allura dan l-aggravju qed jigi respint;

Fil-kaz tal-hames aggravju, u bil-kontra ta' dak dedott mill-appellant, l-atti jistabilixxu u jikkonfermaw sew ir-relazzjoni ta' l-assigurati ma' l-istess appellanti (ara biljetti ta' l-ajru u l-*invoices* relattivi ghal liema saret referenza aktar 'il fuq), kif ukoll il-prova ta' l-ispejjez, ossija ta' l-indenniz imhallas mis-socjeta` assiguratrici (ara d-diversi Claim Travel Forms esebiti, il-Prospett dettaljat a fol. 289, u x-xhieda ta' Effie Briffa ghas-socjeta` Travellers Ltd, fol. 264 u fol. 305). Anke allura dan l-ahhar aggravju qed jigi skartat.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qed tichad l-appell fl-aggravji kollha tieghu, tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew ukoll mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------